MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1183/2005

**Matthew Cutajar**

**Vs**

**Tania Pickard**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` erba` mija u disgha u disghin lira Maltin (Lm499) u dan rapprezentanti danni sofferti mill-attur fl-incident stradali li sehh fis-26 ta` Jannar 2005 gewwa Ghajn Dwieli, Bormla meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni BAI 475 b'imperizja, negligenza u nuqqas ta` harsien tar-regolamenti tat-traffiku baqghet diehla fil-vettura tal-attur bin-numru ta` registrazzjoni CAD 607.

Ra r-risposta tal-konvenuta li wiegbet illi dak li talab l-attur ghandu jigi michud bl-ispejjez. Ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti l-eccipjenti.

Sema` x-xhieda ta` Matthew Cutajar, Edwin Saliba, Tania Pickard u Isabelle Pickard.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Edward Gatt ghall-attur u Dr Adrian Vella ghall-konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-incident sehh fi Triq Ghajn Dwieli, Bormla ezatt malli wiehed johrog minn taht il-mina, bil-karozzi miexjin fid-direzzjoni lejn il-Marsa. L-incident sehh ghall-habta tas-sebgha ta` filghodu, jigifieri fil-hin tar-*rush hour* kien hemm hafna traffiku li kien miexi bil-mod.

L-attur jghid li hin minnhom il-karozza ta` quddiemu waqfet u huwa waqaf u t-Tribunal jifhem li dak il-hin it-traffiku kien *stop – start – motoring*. F’ daqqa wahda sema` *brake* u l-karozza ta` warajh baqghet diehla go fih u mbuttatu ghal fuq il-karozza ta` quddiemu.

Il-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha ssostni illi l-attur kien gja mahbut mal-karozza ta` quddiemu u ghalkemm tammetti li baqghet diehla fil-karozza tal-attur, hija ma tammettiex li b’rizultat ta` dan il-vettura tal-attur baqghet diehla gol-vettura ta` quddiemu u ghalhekk qeda tghid illi m’ghandhiex thallas id-danni rigwardanti l-parti ta` quddiem tal-vettura tal-attur.

L-attur enfatikament jichad li huwa habat mal-vettura ta` quddiemu qabel ma intlaqghat mill-vettura misjuqa mill-konvenuta.

Edwin Saliba li kien qed isuq il-vettura quddiem l-attur xehed ukoll u ghalkemm ma rax l-incident ikkonferma li huwa hass daqqa wahda biss u mhux tnejn.

Il-konvenuta fix-xhieda taghha ma kinietx daqshekk certa u kategorika. Hija qalet hekk:
"f' daqqa wahda rajthom weqfin, inhsadt u dhalt go fih. Jien meta rajt il-karozzi ta` quddiemi weqfin, jiena fhimt (sottolinear mit-Tribunal) li kienu diga' mahbutin."

Aktar 'il quddiem mistoqsija direttament mit-Tribunal jekk ratx il-vetturi ta` quddiemha jahbtu hija qalet

"Nghid li le, ma rajthomx jahbtu."

Mal-konvenuta kien hemm it-tifla taghha Isabelle li xehdet illi l-vettura ta` quddiem ommha waqfet f'daqqa u ommha nhasdet u baqghet diehla go fiha. Hija ma qalet xejn jekk il-vetturi ta` quddiem ommha kienux gja mahbutin jew le.

Ghalhekk f'din il-kawza ghandna sitwazzjoni fejn ghandha dikjarazzjoni cara u kategorika da parti tal-attur u dikjarazzjoni mhux daqstant cara u kategorika da parti tal-konvenuta.

L-attur f'din il-kawza huwa obbligat li jgib prova sufficjenti kif trid il-ligi li l-konvenuta hija responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Huwa principju ben stabbilit illi *onus probandi incombit ei qui dicit non qui negat* u ghalhekk, in vista tal-mod kif il-konvenuta kkonduciet id-difiza taghha u galadarba hija qeda tallega li l-attur kien gja mahbut mal-vettura ta` quddiemu, il-piz ta' din il-prova tispetta lilha u mhux lill-attur li qieghed jinnegaha.

F'dan r-rigward gie affermat illi:

"huwa veru li l-htija ghandha tigi pruvata, izda jkun hemm kazi fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija b'mod li min ikun ipprova dawn il-fatti ghandu jiftiehem li pprova anke l-htija, u allura jkun dmir ta` min ikun kagun ta` dawk il-fatti li jipprova li ma kellhux htija f'li gara (Middlesea

Insurance Company Limited vs Brian Barbara – Citazz 373/98, Prim'Awla 31/01/2001)".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern t-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-konvenuta rnexxiela tiddizimpenja ruhha mill-oneru tal-piz tar-responsabbilta' stabbilita' fil-konfront taghha mill-fatt li l-attur irnexxielu jipprova li kienet il-vettura taghha li baqghet diehla go fih. Hija kellha l-obbligu li ggib il-prova fuq bazi ta` probabilita` li l-attur kien gja mahbut mal-vettura ta` quddiemu, izda mill-provi prodotti f'din il-kawza tali affermazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata. Id-dikjarazzjoni mhux kategorika tal-konvenuta li hija biss presenzjoni jew hsieb certament ma twassalx ghall-prova sufficjenti. Inoltre, l-attur cahad kategorikament li habat mal-vettura ta` quddiemu qabel l-incident u inoltre, Edward Saliba xehed illi hu qala` daqqa wahda biss.

Il-konvenuta provat taghmel kapital mill-fatt illi wara l-incident l-attur hareg malajr hafna mill-vettura tieghu u riedet taghti x'tifhem li forsi hu kien gja fil-hsieb li johrog mill-karozza tieghu ghax kien gja mahbut, izda t-Tribunal ma hassux konvint minn dan l-argument.

Jirrizulta car illi meta l-attur hareg mill-karozza tieghu mar fil-pront biex jitkellem mal-konvenuta u mhux mas-sewwieq ta` quddiemu. Kieku l-attur kien gja mahbut u li l-kollizjoni mal-konvenuta kienet it-tieni wahda, certament, fis-sahna tal-mument, huwa kien ikun aktar iklinat li jkellem lis-sewwieq ta` quddiemu milli dak ta` warajh.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa konvint illi r-responsabbilta ghall-kollizjoni hija unikament imputabbli lill-konvenuta.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, il-konvenuta ddikjarat li dawn m'humiex qed jigu kontestati u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jaccettahom. Jigi rilevat pero` illi fl-istima esebita mill-attur, l-istima hija aktar gholja mill-ammont mitlub f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-

kollizjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` erba` mija u disgha u disghin lira Maltin (Lm499) bl-ispejjez. L-interessi jibdew jghoddu mill-11 ta` Gunju 2005 u cioe` mid-data tan-notifika tal-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------